# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 66**

**Rikors numru 401/22/1**

**Perit David Psaila**

**v.**

**Andrè Pizzuto fil-kwalità tiegħu ta' President tal-Kamra tal-Periti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Perit David Psaila minn deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti fis-27 ta' Settembru, 2022, (minn issa 'l hemm imsejħa "d-deċiżjoni appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, instab ħati ta': (i) negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, (ii) imġiba li tiskredita l-professjoni, u (iii) nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew il-prattika professjonali. Bl-istess deċiżjoni, il-Kunsill tal-

Kamra tal-Periti impona fuq il-Perit Psaila l-piena tas-sospensjoni tal-'*warrant*' għal żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha dik id-deċiżjoni tkun pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Il-Kunsill appellat wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"**Investigation***

*The Council of the Kamra tal-Periti reviewed the complaint and the response as outlined above during Council Meeting 21.15, held on 5th May 2021, to determine whether the evidence fell within the parameters set by the Periti Act, Cap. 390, Article 15 (a), and Subsidiary Legislation 390.01 regulation 5, including:*

*a) Dishonesty, misconduct, or gross negligence in the exercise of his profession;*

*b) Conduct discreditable to the profession;*

*c) Failure to comply with regulations with respect to professional standards or practices.*

*The Council noted that the complaint regarded professional services being rendered in a development site with address Pentos, Bravos, Volantis & DEMAR Business Centre, Triq L-Akwedott /, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, Malta bearing permit reference PA/02939/17.*

*After examining the complaint and the response, as well as the Site Management Responsibility Summary Form filed on the Planning Authority's eApps platform at Red 264a, the Council determined that there was sufficient prima-facie evidence to open a formal conduct case. The parties were notified about this determination through a written notification dated 5h May 2021.*

***Evidence***

*The Council of the Kamra tal-Periti held six conduct hearings during which the complainants, Ms Ramona Montebello (RM) and Mr Matthew Montebello (MM), as well as the respondent Perit David Psaila (DP) and his two witnesses, Mr Etienne Mallia (EM) of Faceworks, and an EM's employee Mr Cleaven Fenech (CF) testified under oath.*

*The hearings were held on 31/05/2021, 05/07/2021, 09/08/2021, 04/10/2021. 30/05/2022 and 18/07/2022.*

*Minutes and transcriptions of the hearings were prepared and circulated to the parties.*

*...omissis...*

*The Council of the Kamra tal-Periti reconvened September for Council Meeting 22.38 held on 26h 2022 to make its final determinations about the case. The following Members were present:*

*Perit André Pizzuto (President);*
*Perit Dr Jeanette M. Muñoz Abela (Vice President);*
*Perit Ivynne Grixti (Honorary Treasurer);*
*Perit Matias Camilleri de Marco (Honorary Secretary);*
*Perit Toni Bezzina MP;*
*Perit Adrian Mangion;*
*Perit Damian Vella Lenicker.*

*The Council reviewed all the evidence gathered during the investigation, the testimony of the parties, the documents submitted during the proceedings, and the written closing statements of the parties, and made the following considerations:*

*1. It is pertinent to note what the Courts have stated in regards to the importance of condition reports and method statements.*

> *"In-nuqqas ta' stharriġ u konsiderazzjoni dettaljata u bir-reqqa tar-rekwiżiti tal Condition Reports – u allura f'dik il-parti fejn il-perit ikun għadu qiegħed fil-parti tal-istharriġ tieghu tal-kundizzjonijiet kollha previsti mill-Avviż Legali 136 tal-2019 relattivi kemm għas-sit li jkun sejjer jiġi żviluppat kif ukoll relattiv għal proprjetajiet ta' terzi adjaċenti, inkluż il-pedamenti tagħhom - wassal biex kien hemm ukoll rikaduta fuq il-metodi li l-Perit ħaseb li setgħa juża f'dak is-sit għad-demolizzjoni tal-ħajt tal-ġnien kif ukoll fir-rigward tal-iskavar li kellu jsir."*
>
> *Dan l-Avviż Legali juri li fiż-żmien meta seħħ dan l-inċident il-Condition Reports ma kienux intiżi biss jew sempliċiment "ghall-insurance". Ma kienetx biss li wieħed jara jekk kienx hemm xi madum maqsum jew xi konsenturi biex meta jkun inbeda x-xoghol l-isviluppatur ikun jista' jgħid bil-quddiem li dawk il-ħsarat ma kienux saru tort tiegħu imma kienu diġa jeżistu qabel. Wara d-dħul tal-Avviż Legali 136 tal-2019 mhux kulħadd setgħa jmur jieħu r-ritratti u jagħmel Condition Report."*
>
> *Din is-silta mix-xiehda tal-Perit Torpiano turi biċ-ċar li fiż-żmien meta seħħ dan il-każ żgur li l-kunċett tal-Condition Reports u l-eventwali Method Statements ma baqgħux kunċetti li jistghu jiġu trattati b'mod leġġer jew allegru." (Court of Appeal Judgement Il-Pulizija vs Roderick Camilleri u Anthony Mangion, para 97.)*

*2. The Council noted that the Condition Report and first three Demolition Method Statements filed by DP to the BCA were not drawn up in accordance with the schedules of S.L. 623.06, and are thus self-evidently negligent.*

*3. On whether the fact that DP revised the method statement at least four times, the Council determined that this is not of itself indicative of negligence. If assumptions on site conditions upon which project documentation is prepared turn out to not materialise during the works, it is the perit's duty to immediately review the project documentation to uphold public safety and structural integrity of the building he is responsible for and those contiguous to it.*

*Nevertheless, if the revisions are a result of lack of rigour in the original documentation and insisted protestations by third-parties and their professionals regarding their inadequacy which were upheld by the Building and Construction Authority, it is the Council's considered view that this would indeed rise to the level of negligence, provided the evidence does not demonstrate otherwise.*

*4. The Council is of the opinion that the evidence supplied regarding the quality of the method statements and the frequent updating, not due to previously unknown site conditions that could have only been discovered during the works but because of a lack of adequate professional rigour, does indeed constitute professional negligence.*

*5. The justification provided by DP for his failure to draw up a demolition method statement to reflect the actual fabric to be demolished due to limited site access is not a valid excuse. The Council considered that he should have ensured that the site was rendered accessible to carry out the necessary site appraisal and draw up the project documentation, including the method statements, accordingly.*

*6. Moreover, the risks assessment contained within the first three method which statements, remained in place several weeks after the works had already commenced, was highly superficial and inadequate.*

*7. The Council also noted that the poor-quality documentation, as well as DP's demeanour and communication with the complainants throughout the execution of the project dented their confidence in his professional integrity and good faith, and by inference in that of the entire professional body.*

*8. Regarding the role of Site Technical Officer (STO), the Courts stated that:*

> *"Qabel xejn l-Avviż Legali 136 tal-2019 jeħtieġ li l-STO ikun perit. Dan allura jfisser li l-STO huwa marbut bir-regoli deontoloġiċi, ċivili, u amministrattivi regolanti l-professjoni tiegħu. Minbarra dan ir-rwol tal-STO huwa wkoll imsemmi fl-istess Avviż Legali. Iżda mbagħad, minbarra dan l-Avviż Legali, hemm ċerti obbligi li jitnisslu minn natura*

*tar-rwol innifsu li jrid jiġi mifhum mhux biss skont ir-regoli msemmija fl-Avviż Legali msemmi, iżda wkoll, anke hawnhekk, mir-regoli tas-sens komun u tal-buon sens. Ir-rwol tal-STO mhux qiegħed hemm għan-nom. Ir-rwol tiegħu huwa wieħed speċifiku. Bħar-rwol tal-perit arkitett, il-mod kif huwa diżenjat fil-Liġi jeħtieġ lil persuna li tirrikopri dik il-figura professjonali li tieħu approċ attiv u pro-attiv għall-qadi ta' dmirijietha u mhux rwol passiv jekk mhux ukoll ineżistenti  Anzi l-mansjonijiet tal-STO indikati fl-Avviż Legali relattiv juru kemm il-presenza tiegħu fuq is-sit in kwistjoni hija essenzjali biex ikun jista' jwettaq dak ir-rwol tiegħu b'mod sħiħ."*

*In definittiva l-obbligu li jiġu osservati l-Method Statements huwa obbligu attiv u mhux passiv fuq il-figuri professjonali involuti fit-tfassil, twettieq, sorveljanza u infurzar tiegħu."*

*In-nuqqas tal-STO f'dan il-każ kien preċiżament dak li ma ħax l-azzjoni attiva meħtieġa biex dawn il-Method Statements jiġu osservati. Li kieku huwa għamel xogħolu b'mod attiv, u preżenti fuq is-sit b'mod regolari, huwa setgħa jkun f'qagħda li jagħmel sorveljanza tajba u jara li l-kuntrattur iwettag il-Method Statements skont kif imfaslin u li jiżgura li l-kuntrattur jaderixxi mal-obbligi kollha tiegħu kif imsemmija fir-regolamenti u f'każ fejn huwa jinnota kwalunkwe ksur ta' dawk ir-regolamenti, iwaqqaf ix-xogħol minnufih u jinnotifika lill-perit u lill-Uffiċju għar-Regolament tal-Bini."*

*Method Statements isiru biex jiġu osservati mill-perit li jkun irrediġihom, mill-STO li jkun ikkollabora mal-perit li jkun irrediġihom u li jkun irid jara li jiġu infurzati u mill-kuntrattur li jrid jimplimentahom. La darba jkunu saru dawn id-dikjarazzjonijiet iridu jiġu osservati. Jekk dawn il-metodi ma jiġux osservati, kull figura professjonali involuta li tonqos b'xi mod milli twettaq id-dmirijiet speċifiċi tagħha biex tara li dawn jiġu id-dikjarazzjonijiet tal-metodu jiġu osservati tkun passibbli taħt dan ir-regolament. Dan ir-reat huwa intiż li jassigura li dikjarazzjonijiet tal-metodu jiġu osservati u allura biex jiġu evitati episodji fejn fuq il-karta jingħadu metodi mod u fil-prattika jiġu użati metodi oħra. Din l-osservanza trid żgur titwettaq minn min irid jimplimenta din id-dikjarazzjoni tal-metodu, u allura l-kuntrattur. Iżda daqstant ieħor l-STO għandu d-dmir li jara li dik id-dikjarazzjoni tal-metodu tiġi infurzata għax jekk ma jagħmilx hekk dik id-dikjarazzjoni tal-metodu ma tkunx qed tiġi osservata. Allura f'dan is-sens, jekk l-STO jonqos milli jinforza d-dikjarazzjoni tal-metodu u jiżgura li x-xogħolijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-metodu jkunu qegħdin jiġu osservati skont kif imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-metodu u mhux b'metodi oħra, jkun ukoll passibbli taħt dan is-subregolament."*

*9. The evidence clearly indicates that DP disregarded the importance of the role of STO as defined in S.L. 623.06 and failed to adequately enforce the demolition method statement. Not being present on site as an STO to enforce the method delicate demolition statement during procedures due to personal risk is an unacceptable excuse. The method statements he wrote should have provided for a sequencing of wWorks that would have allowed him to follow their execution from a safe distance.*

*10. Article 15(a)(i) of the Periti Act, Cap. 390, requires disciplinary action to be taken when the negligence rises to the level of "gross". The*

*Council considered that the deficient condition report on its own, albeit negligent, does not rise to the level of gross negligence. However, when compounded by the deficient method statements and the tailure to0 actively enforce their provisions on the contractor, DP acted in a manner which does indeed rise to the level of gross negligence. The fact that no serious accident happened or that more serious damage to the third-party wall did not occur during the demolition is, in the Council's considered view based on the evidence, fortuitous more than a result of professional rigour or the competence of the contractor.*

*11. The Council reiterates its public statements about its visceral disagreement with the existence of the figure of Site Technical Officer in the regulations as it only serves to offload the liabilities and responsibilities of contactors onto others, diminishing their need to act with prudence, restraint and responsibility.*

*12. The Council further calls on the Government to immediately embark on the licensing of contractors to ensure works are executed safely and competently and that instructions and specifications issued by periti are followed without undue questioning or improvisations.*

*13. The Council also calls on the Government to immediately revise S.L. 623.06 to eliminate all its anomalies designed to shift liability from contractors onto periti, and distort international best practice, European Standards, and well-established international Contract provisions such as those found in FIDIC contracts.*

*14. Despite itsd isagreement with the provisions of S.L.623.06,t he Council cannot condone transgressions of any regulations, however badly drafted. Nor can it condone failings by members of the profession to adhere to the law.*

*15. The first provision in the Code of Professional Conduct stipulates that "[a] member [of the profession] must not hold, assume or consciously accept a position in which his interest is in conflict with his professional duty". This is common in deontological Codes in most professions locally and abroad. The emphasis is on avoiding conflicts between professional duty and personal interests.*

*16. Such a conflict would arise when a professional could stand to gain personally from delivering a particular service in such a way that it undermines the client's interests. It follows, therefore, that a perit delivering a professional service to himself cannot have a conflict of interest precisely because the interests are aligned. Thus, the Council does not find DP to have failed to comply with the Code of Professional Conduct on the claim made by the complainants that DP had a conflict of interest when he acted as perit-in charge while also being the developer.*

*17. Nevertheless, the concurrent undertaking of the role of perit-in-charge and site technical officer does indeed breach the Code of Professional Conduct, even more so in this case given that the perit-in-charge is also the developer. Directive DIR 12/19 clearly forewarned this interpretation of the First Provision of the Code to all members of the profession in 2019, well before DP decided to take on both roles concurrently.*

*18. The Directives issued by the Council of the Kamra tal-Periti serve the purpose of guiding members of the profession in specific scenarios to ensure that they do not commit any professional infringements as outlined in Art 15 (a) of the Periti Act, Cap. 390. They also provide members of the profession an advance statement by the Council of its position in such scenarios when making disciplinary determinations.*

*19. While S.L. 623.06 does not prohibit the concurrent undertaking of the two afore mentioned roles, S.L. 390.01 does. Moreover, ethical standards constitute a higher standard of behaviour which members of privileged groups in society with greater responsibilities than others to uphold the public good agree to be held by. It is no defence for any professional to state that if a law does not prohibit something, then it is ethical to do it.*

*20. The Council considered the witness statements pertaining to the 2021 as well as incident of 8th March the video evidence furnished by the complainant. While it considers the use of foul language by any perit in the exercise of the profession to be reprehensible, the Council is of the opinion that both parties were engaged in an uncivil exchange that escalated unnecessarily. It has decided that, given the circumstances, DP shall not be disciplined on the matter.*

*After making the above considerations, the Council proceeded to make the following determinations:*

***a. Dishonesty, misconduct, or gross negligence in the exercise of his profession;***

*The Council finds Perit David Psaila to have been grossly negligent in the exercise ot his profession for the reasons outlined in para 1-10 above*

***b. Conduct discreditable to the profession;***

*The Council finds Perit David Psaila to have undertaken conduct discreditable to the profession for the reason outlined in para 7 above.*

***c. Failure to comply with regulations with respect to professional standards or practices***

> *The Council finds Perit David Psaila to have breached the First Provision of the Code of the Professional Conduct for the reasons outlined in para 15-19 above.*
>
> *Having taken into account the above considerations and the fact that the respondent has a clean professional conduct record, the Council has determined that Perit David Psaila's warrant is to be suspended for a period of six (6) months from the date of publication of this penalty in the Government Gazette."*;

3. Il-Perit David Psaila (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija deċiżjoni u b'rikors imressaq minnu fl-10 ta' Ottubru, 2022, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, appella minnha billi talab lil din il-Qorti sabiex "*tħassar is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 2022 mill-Kunsill tal-Kamra tal-Periti u minflok tillibera lill-Perit esponenti mill-allegazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu*";

4. Min-naħa tagħha l-Kamra tal-Periti (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-Kamra appellata"), bi tweġiba mressqa minnha fis-7 ta' Diċembru, 2022, laqgħet għal dan l-appell billi warrbet l-aggravji u qalet li d-deċiżjoni appellata kienet tajba u kien imissha tkun konfermata;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-14 ta' Marzu, 2023, kif ukoll rat l-atti kollha, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

(i) L-appellant qiegħed jattakka d-deċiżjoni appellata fuq is-saħħa ta' **ħames aggravji**, li fil-qosor ħafna jikkonsistu f'dan li ġej: (i) fl-ewwel żewġ aggravji, l-appellant qiegħed jattakka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li sabitu ħati ta' negliġenza serja fit-twettiq tal-professjoni tiegħu, u dan billi, fl-ewwel aggravju qed jinsisti li l-Kunsill ma kellux jikkonkludi li kellu bosta nuqqasijiet fid-dokumenti li huwa fassal għall-għanijiet tar-Regolamenti dwar 'l-Evitar ta' Ħsara Lil Propjetà ta' Terzi Persuni' (L.S. 623.06), filwaqt li fit-tieni aggravju qed jiċħad li naqas milli jaqdi dmirijietu bħala 'uffiċjal tekniku fuq is-sit' (minn issa 'l hemm imsejjaħ "STO") u dan skont l-istess imsemmija Regolamenti; (ii) fit-tielet aggravju, l-appellant qiegħed jattakka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li fiha nstab ħati ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew il-prattika professjonali, u dan billi qed jikkontesta li huwa b'xi mod jew ieħor kiser il-kodiċi ta' etika tal-arkitetti u inġiniera ċivili billi assuma rwoli ta' perit tal-proġett u STO fl-istess ħin u għall-istess proġett; (iii) fl-aħħar żewġ aggravji l-appellant qiegħed imbagħad iqajjem in-nullità formali tad-deċiżjoni minnu appellata u dan billi fir-raba' aggravju qed jilmenta li d-deċiżjoni ma tiswiex għaliex ma ssemmix kemm mill-membri tal-Kunsill ivvutaw favur dik id-deċiżjoni, filwaqt li fil-ħames aggravju qed jargumenta li dik id-deċiżjoni hija wkoll nulla għaliex ingħatat bi ħsara għad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq u bi ksur tal-prinċipju ta' '*nemo iudex in causa propria'*;

6. Fid-dawl ta' dak li għadu kif ingħad, il-Qorti tqis li jkun iżjed għaqli li l-ewwel u qabel kollox tqis il-preġudizzjali dwar is-siwi tad-deċiżjoni appellata, u dan għar-raġunijiet li l-appellant iqajjem fir-raba' u l-ħames aggravji tiegħu għaliex jekk xi wieħed mill-aggravji jinstab li huwa mistħoqq, jista' ma jkunx hemm ħtieġa li l-Qorti jkollha għalfejn tistħarreġ ukoll l-aggravji l-oħrajn;

7. Nibdew bir-**<u>raba' aggravju</u>** li fih l-appellant qiegħed jargumenta li d-deċiżjoni appellata ma tiswiex għaliex ma tispeċifikax kemm mill-membri tal-Kunsill tal-Kamra appellata, qablu ma' dik id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, l-appellant qiegħed jirreferi għall-paragrafu 12 tal-iSkeda tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti[1], u jgħid li, skont il-liġi, deċiżjonijiet ta' din ix-xorta jeħtieġu vot favur ta' mill-anqas żewġ terzi ($^2/_3$) tal-membri preżenti għal-laqgħa. Filwaqt li jfisser li, fil-każ tiegħu, id-deċiżjoni appellata kellha tal-inqas tiġi approvata minn ħames (5) membri, jilmenta li fid-deċiżjoni ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar dan, u għalhekk dan kollu jwassal għan-nullità tagħha għaliex, fi kliemu, mhijiex 'konformi mal-liġi';

8. Fid-dawl ta' dawn l-ilmenti, il-Qorti tqis li għalkemm huwa tassew minnu li fid-deċiżjoni appellata ma tniżżel xejn dwar kemm kien hemm

[1] N.G. 202 tal-1920 kif emendata (L.S. 390.01).

membri preżenti waqt il-laqgħa, li vvutaw favur dik id-deċiżjoni, u minkejja li kien ikun ferm aktar għaqli li kieku l-Kunsill niżżel dan id-dettall fid-deċiżjoni appellata, madankollu l-Qorti jidhrilha li, fih innifsu, 'n-nuqqas' li qed jilmenta dwaru l-appellant, ma jwassalx għan-nullità tad-deċiżjoni appellata. Dak li titlob il-liġi f'paragrafu 12 tal-iSkeda tal-imsemmija Regolamenti, huwa biss li d-deċiżjoni għandha tiġi approvata bil-maġġoranza msemmija f'dak ir-regolament, u xejn aktar;

9. Kif diġà ngħad minn din il-Qorti f'sentenza oħra li ngħatat wara appell li fih tqajjem aggravju eżatt bħal dan[2], il-fatt waħdieni li fid-deċiżjoni appellata ma tniżżel l-ebda dettal dwar il-maġġoranza li bih ġiet approvata, ma jfissirx li dik id-deċiżjoni ma ġietx mogħtija bil-maġġoranza li titlob il-liġi, anzi: "*l-preżunzjoni fin-nuqqas ta' prova kuntrarja tibqa' omnia præsumuntur rite et recte facta esse*" u dan għaliex "*l-kumitat għandu jitqies li jaf il-liġi li tirregolah u jekk irreġistra deċiżjoni għandu jitqies illi irreġistraha bħala deċiżjoni tiegħu għax ittieħdet kif trid il-liġi*"[3];

10. Sabiex l-appellant seta' jattakka s-siwi tad-deċiżjoni appellata fuq is-saħħa ta' dak li jitlob paragrafu 12 tal-iSkeda msemmija, huwa kellu għalhekk iressaq prova li d-deċiżjoni appellata minnu ngħatat mingħajr ma ġiet approvata mill-maġġoranza tal-membri msemmija fil-liġi.

[2] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-proċeduri fl-ismjiet ta' ***Simon Ciantar v. Perit Elena Borg Costanzi,*** deċiża fit-**13 ta' Ottubru, 2022**.
[3] Ibid. §18.

Minbarra li l-appellant m'għamilx dan, u għalhekk awtomatikament tapplika l-preżunzjoni msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, f'kull każ, il-Qorti rat li mill-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li nżammet fis-26 ta' Settembru, 2022, jirriżulta li dakinhar, id-deċiżjoni appellata għaddiet b'vot unanimu tas-seba' membri tal-Kunsill li kienu lkoll preżenti għal dik il-laqgħa. Żgur li għalhekk ma jistax jingħad li d-deċiżjoni appellata ngħatat bi ksur tal-liġi, u fid-dawl ta' dan, ir-raba' aggravju qiegħed jiġi miċħud;

11. Aggravju ieħor li fih l-appellant qiegħed iqajjem in-nullità tad-deċiżjoni appellata huwa mbagħad il-**ħames aggravju**. F'dan l-aggravju, l-appellant qiegħed b'mod partikolari jilmenta li waqt il-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni appellata, il-Kunsill tal-Kamra kien prosekutur u ġudikant fl-istess ħin, u dan bi ksur tal-prinċipju ta' *nemo iudex in causa propria,* u bi ħsara għall-jeddijiet fondamentali tiegħu kif imħarsa taħt l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jgħid li l-konsiderazzjonijiet li wasslu għas-sejbien tal-ħtija ma kinux imsejsa fuq l-ilmenti li oriġinarjament tressqu kontrih mill-miżżewġin Montebello, u f'dan is-sens, jargumenta li fil-mument li l-Kunsill għażel li jmur lil hemm minn dawk l-ilmenti, l-istess Kunsill tbiegħed mill-irwol tiegħu bħala ġudikant, xedd il-libsa ta' prosekutur, u mexa '*ultra vires*'. Sabiex isostni dan, jissottometti li minn paġna 26 tad-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-Kunsill wettaq "investigazzjoni" u għalhekk assuma kemm l-irwol ta'

investigatur jew prosekutur, li fi kliemu hija inkonsistenti mal-irwol tal-ġudikant. Skont l-appellant, dan kollu jwassal għan-nullità tad-deċiżjoni tal-Kunsill u ġablu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Iżid li bil-mod ta' kif inhu kompost, il-Kunsill ma jista' qatt jagħti deċiżjoni li tirrispetta l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan għaliex ġaladarba li kull membru tal-Kunsill għadu jipprattika ta' perit, kull wieħed u waħda minnhom huwa kompetitur dirett tiegħu, u għalhekk "għandu interess fis-sospensjoni tal-warrant" tiegħu. Jgħid li biex ma jkunx hemm dan "il-konflitt ta' interess", jeħtieġ li jkun hemm Bord indipendenti, immexxi minn persuni "li m'humiex f'konflitt" miegħu. Jagħlaq imbagħad billi jissottometti li l-fatt ta' kemm il-kompożizzjoni tal-Kunsill li ġġudikah hija 'anti konstituzzjonali' jkompli jirriżulta mill-iżvilupp legali f'liġi ġdida[4] li fiha l-leġiżlatur ħaseb għat-twaqqif tal-'Bord għall-Imġiba Professjonali għall-Periti' li għandu jkun ippresedut minn Imħallef jew Maġistrat irtirat, u li l-membri li jpoġġu fih għandhom ikunu ilhom jipprattikaw b'*warrant* minn tal-inqas ħmistax-il (15) sena[5]: rekwiżit li, skont l-appellant, erbgħa mis-seba' membri tal-Kunsill li taw id-deċiżjoni appellata m'għandhomx;

12. Il-Qorti wara li qieset l-ilmenti tal-appellant, kemm fil-kuntest tad-deċiżjoni appellata kif ukoll fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti

[4] Qiegħed jirreferi għall-Att tal-2021 dwar il-Periti (Att XIII tal-2021, Kap 622) liema Att għadu ma daħalx għalkollox fis-seħħ (Ara A.L. 373 tal-2022).
[5] Art. 13(1) tal-Kap 622 (wieħed mill-artikoli tal-Att li għadu ma nġabx fis-seħħ).

proċesswali, jidhrilha li dan l-aggravju lanqas ma huwa mistħoqq u dan għal għadd ta' raġunijiet kif ser jingħad fil-paragrafi li jmiss;

13. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant meta jilmenta li l-Kunsill sabu ħati fuq konsiderazzjonijiet li huma "ferm differenti" mill-ilmenti li oriġinarjament tressqu kontrih mill-kwerelanti l-miżżewġin Montebello. Minn ħarsa lejn l-ilment bil-miktub li ntbagħat lill-Kamra tal-Periti minn Ramona u Matthew Montebello[6], jidher li dawn kienu qed iressqu dak l-ilment għaliex, fil-fehma tagħhom, l-appellant naqas sewwa fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tiegħu, u dan kemm bħala perit tal-proġett kif ukoll bħala STO. Fost ħafna lmenti oħrajn, b'mod speċifiku, il-miżżewġin Montebello semmew li fil-qadi ta' dmirijietu bħala STO, l-appellant ma kienx ikun fuq is-sit li fih kienu qed isiru x-xogħlijiet, filwaqt li bħala perit tal-proġett dan fassal rapport dwar il-kundizzjoni tal-proprjetà tagħhom u għamel dikjarazzjonijiet tal-metodu li fissruhom bħala ta' 'kwalità medjokri', u mhux tajba għall-iskop li għalih saru[7]. Il-kwerelanti Montebello ma waqfux hawn u minbarra n-nuqqasijiet ta' sura professjonali, ilmentaw ukoll li l-appellant Psaila kien saħansitra qed jikser id-dmirijiet etiċi tiegħu, u dan għaliex kien qed jaqdi fl-istess nifs tliet irwoli f'daqqa fl-istess sit ta' kostruzzjoni, u dan sewwasew: bħala perit

[6] Ara 'Dok 06A' tal-proċess. Kopja tal-kontenut tal-ilmenti tal-miżżewġin Montebello ġie wkoll stampat f'paġni 2 sa 5 tad-deċiżjoni appellata.

[7] B'mod speċifiku l-miżżewġin Montebello qalu li d-dikjarazzjoni tal-metodu tat-twaqqigħ ma kinitx tajba għaliex ma kinitx tirrifletti l-materjal li bih kien mibni s-saqaf tal-binja, li kienet tmiss mal-appoġġ tagħhom u li l-Perit Psaila naqas milli jagħmel l-emendi meħtieġa hekk kif ġie mgħarraf b'dan l-iżball.

tal-proġett, bħala STO, u bħala żviluppatur ta' sit li kien tiegħu stess[8]. Fil-fehma tal-Qorti, huwa għall-parti l-kbira ta' dawn l-ilmenti li l-Perit Psaila nstab ħati[9] u għalhekk l-appellant qiegħed jgħid ħażin li l-Kunsill sabu ħati fuq raġunijiet li kienu differenti bil-bosta minn dawk li ġew imqajma mill-kwerelanti miżżewġin Montebello;

14. Daqstant ieħor mhuwiex mistħoqq l-ilment tal-appellant meta jgħid li l-membri tal-Kunsill li ġġudikawh kellhom xi konflitt ta' interess fil-proċeduri, ladarba dawn huma "kompetituri diretti" tiegħu fil-professjoni bħala perit, u b'hekk kellhom "interess fis-sospensjoni tal-*warrant* tiegħu". Fil-fehma tal-Qorti, ilment ta' din l-għamla u ta' serjetà bħal dan kellu jkun sostnut bil-provi, u dan sewwasew għaliex il-fatt waħdieni li l-membri tal-Kunsill jipprattikaw ukoll il-professjoni ta' perit ma jfissirx li dawn kellhom xi 'interess personali' li jissospendulu l-'*warrant*' tiegħu. F'dan il-każ, l-appellant mhux biss għażel li jispara allegazzjoni serja bħal din mingħajr ma mqar biss indenja ruħu li jressaq imqar l-iċken prova, iżda agħar minn hekk, ressaq allegazzjoni li hija kontradittorja għalkollox ma' dak li xehed huwa stess waqt il-kontroeżami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2022, u sewwasew meta stqarr li: "*bħala perit għan-nies ma għandix naħdem*"[10]

---

[8] Sa mill-ewwel paragrafu tal-ilment tal-miżżewġin Montebello tniżżel li: "*We are writing to make a formal complaint against Perit David Psaila A&CE.* ***<u>We are complaining about how he</u> <u>failed to perform his duties ethically as an architect as required by law</u>*** *.* ***<u>In our opinion It is against all basic principles that a developer performs the duties of an architect and STO on his own site and also method statements are very mediocre, inadequate and shy from what is their intent</u>*** *."* (enfasi miżjud mill-Qorti).
[9] Ara l-parti dispożittiva f'paġna 32 tad-deċiżjoni appellata.
[10] Ara t-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2022, <00.00-1.59>.

u "*[l]i għandi, fadalli xi żewġ klijenti, tlieta, nispiċċa x-xogħol tagħhom u mhux qed nieħu klijenti ġodda*"[11]. Naturalment, ġaladarba li l-appellant stess qal li m'għadux jaċċetta klijenti ġodda u hekk kif ser ikun qed jispiċċa mix-xogħol tal-ftit klijenti li fadallu mhux ser ikun qed jieħu xogħol ġdid, dan ifisser li l-appellant ma jista' qatt jgħid li l-membri tal-Kunsill bħala periti prattikanti huma "kompetituri diretti tiegħu", u agħar minn hekk li kellhom xi interess personali fis-sospensjoni tal-'*warrant'* tiegħu. B'żieda ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li f'kull każ, jekk l-appellant ġenwinament ħass li kien hemm xi membru tal-Kunsill li tassew kellu xi '*personal bias*' kontrih jew xi konflitt ta' interess f'dawk il-proċeduri dixxiplinarji, dan kien obbligat li jressaq ilment bħal dan mill-ewwel quddiem il-Kunsill. Minkejja li l-appellant kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu waqt il-proċeduri ta' quddiem il-Kunsill, huwa ma ressaq l-ebda lment ta' din ix-xorta quddiem il-Kunsill sakemm damu dawk il-proċeduri. Il-fatt li l-appellant qiegħed iqajjem ilment bħal dan issa u biss wara li nstab ħati mill-Kunsill, jitkellem waħdu, minbarra li bih l-appellant ipprova jtebba' l-integrità ta' kollegi professjonali;

15. B'żieda ma' dan, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellant, meta qed jilmenta li d-deċiżjoni tal-Kunsill ma tiswiex għaliex ingħatat bi ksur tal-jedd fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma jistax jaqbad u jgħid, li fiha nfisha, il-kompożizzjoni tal-

---
[11] *Ibid*.

Kunsill tkasbarlu l-jedd fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq u dan b'mod awtomatiku. Kemm hu hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Q.E.D.B.), tgħallem li fi proċeduri dixxiplinarji ta' din ix-xorta, m'hemmx ksur ta' dak li qed jilmenta dwaru l-appellant, sakemm id-deċiżjoni tal-awtorità ġudikanti ma tkunx ta' sura kriminali, u tkun tista' tinġieb għal reviżjoni quddiem tribunal li mhux biss ikun mogħni b'dawk il-kwalitajiet kollha meħtieġa mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda wkoll ikollu "ġurisdizzjoni sħiħa" fuq il-kwistjonijiet kollha li jiġu deċiżi, u dan kemm ta' fatt kif ukoll ta' liġi[12]. F'każijiet ta' din ix-xorta, il-Kunsill mhux biss m'għandu l-ebda setgħat li jimponi sanzjonijiet ta' natura kriminali, iżda fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill huma sindikabbli għalkollox minn din il-Qorti, u dan kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt[13]. Din il-Qorti hija għalhekk mogħnija b'ġurisdizzjoni sħiħa li tikkontrolla dak kollu li jkun wettaq il-Kunsill, u f'każ li jirriżultalha li l-Kunsill ma mexiex mal-liġi jew inkella ddeċieda ħażin, m'hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli ssewwi dak in-nuqqas, magħdud it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Kunsill wara li tistħarreġ l-aggravji fil-mertu. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-appellant ma jistax għalhekk jinfaxxa rasu qabel ma jaqsamha, u għaldaqstant f'dan l-istadju, ma jistax jgħid li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq;

---

[12] Ara b'eżempju s-sentenza ***Gubler v. Franza*** deċiża mill-Q.E.D.B. fis-**27 ta' Lulju, 2006**, (Applik Nru. 69742/01) §§24 – 25.
[13] Ara Regolament 8 u paragrafu 13 tal-Ewwel Skeda tal-L.S. 390.01.

16. Sa fejn imbagħad l-appellant qed jisħaq li d-deċiżjoni tal-Kunsill hija wkoll nulla għaliex ma ngħatatx b'ħarsien tal-prinċipju ta' '*nemo iudex in causa propria*', għar-raġuni li l-Kunsill qeda kemm l-irwol ta' investigatur kif ukoll ta' ġudikatur fl-istess proċeduri, il-Qorti tosserva li l-Kunsill tal-Kamra appellata, huwa mwaqqaf bil-liġi, u hija l-istess liġi li tagħti lil dak il-Kunsill is-setgħat investigattivi kif ukoll il-poteri deċiżjonali fl-istess waqt[14]. Il-funzjonijiet ta' din il-Qorti f'appelli ta' din ix-xorta, huma ta' natura reviżorja u minħabba f'hekk, dak li tista' tagħmel din il-Qorti f'appelli bħal dawn huwa biss li tistħarreġ jekk id-deċiżjoni li ngħatat mill-Kunsill hijiex waħda ġusta fil-mertu u jekk, fl-aħħar mill-aħħar, ingħatatx skont il-liġi. Jekk f'għajnejn din il-Qorti d-deċiżjoni appellata tkun fis-sustanza ġusta fil-mertu, u ngħatat skont il-liġi, din il-Qorti ma jkollha l-ebda għażla oħra għajr li tikkonferma dik id-deċiżjoni, u dan għaliex fin-nuqqas li tagħmel hekk tkun qed tmur lil hemm mis-setgħat tagħha. Ġaladarba li kif diġà ntqal, hija l-liġi stess li tagħti lill-Kunsill kemm setgħat investigattivi kif ukoll poteri deċiżjonali, din il-Qorti, m'għandha l-ebda għażla għajr li tqis li dak kollu li sar fuq is-saħħa tal-liġi għandu jkollu effett;

17. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-ilmenti li tniżżlu fil-ħames aggravju, ma jistgħu għalhekk iwasslu lill-appellant imkien, u konsegwentement dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud;

[14] Ara Regolament 5 tal-L.S. 390.01.

18. Ġaladarba li d-deċiżjoni appellata ma tistax titqies li hija nulla għar-raġunijiet li semma l-appellant, il-Qorti ser tgħaddi issa biex tistħarreġ **l-aggravji tal-appellant fil-mertu**;

19. Peress li minn paragrafu 10 tad-deċiżjoni appellata, jirriżulta li l-Kunsill sab lill-appellant ħati ta' negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, u dan minħabba n-nuqqasijiet li qed jiġu kkontestati mill-appellant fl-ewwel u t-tieni aggravju, il-Qorti ser tgħaddi biex tistħarreġ dawn l-aggravji flimkien;

20. Minbarra li l-appellant qed jiċħad li huwa kien b'xi mod jew ieħor negliġenti fit-twettiq ta' dmirijiet tiegħu, u dan sa fejn għandu x'jaqsam mar-rapport dwar il-kundizzjoni tal-ġid tal-kwerelanti miżżewġin Montebello, kif ukoll fit-tfassil tad-dikjarazzjonijiet tal-metodu għal xogħlijiet ta' demolizzjoni, **fl-ewwel aggravju**, huwa qiegħed jisħaq li l-Kunsill mhuwiex l-awtorità kompetenti fil-liġi sabiex jiddetermina jekk dawk id-dokumenti tfasslux skont il-liġi jew le. F'dan ir-rigward, jilmenta li l-Kunsill qatagħha li jassumi rwol li ma kienx tiegħu, u dan meta skont regolament fis-seħħ[15] (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "BCA") li permezz tad-direttur jew l-uffiċjali tagħha li għandha l-irwol li tiddetermina jekk id-dokumentazzjoni ppreżentata lilha, inkluż id-dikjarazzjonijiet tal-metodu u r-rapporti dwar il-kundizzjoni tal-proprjetà, ikunux konformi mal-

[15] Qed jirreferi għar-reg 12 tar-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lill-Proprjetà ta' Terzi Persuni (A.L. 136 tal-2019, L.S. 632.06)

liġi. Jissottometti li, f'dan il-każ, ir-regolatur ħass li d-dokumentazzjoni kienet adegwata u għalhekk, il-Kunsill ma jgawdi mill-ebda '*locus standi*' sabiex jiddetermina jew jgħid li l-istess dokumenti approvati minn dak ir-regolatur, mhumiex konformi mal-liġi. Barra minn hekk, l-appellant jisħaq li x-xogħlijiet li twettqu dejjem imxew skont id-dikjarazzjonjiet tal-metodu applikabbli fiż-żmien tax-xogħlijiet u li, fl-istess ħin, kienu approvati mill-BCA. Filwaqt li jammetti li kien hemm nuqqas fid-dikjarazzjoni tal-metodu tal-iskavar, ifisser li "l-uniku nuqqas" li kien hemm kien jikkonsisti fi "żball żgħir fejn ma ġiex indikat li parti minn saqaf kienet mibnija b'mod differenti mill-bqija tas-soqfa";

21. B'żieda ma' dak li għadu kif ingħad, l-appellant jirreferi wkoll għall-bosta tibdiliet fid-dikjarazzjonijiet tal-metodu, u jissottometti li kuntrarjament għal dak li ntqal fid-deċiżjoni appellata, huwa qatt ma biddel id-dikjarazzjonijiet tal-metodu minħabba xi pressjoni magħmula mill-perit ta' Montebello. Ifisser li huwa biddel id-dikjarazzjonijiet imsemmija biss għaliex l-andament tax-xogħol hekk kien jitlob u dan sabiex kulħadd ikun aktar sigur. F'dan is-sens, jargumenta li t-tibdil fid-dikjarazzjoni tal-metodu mhux talli ma jurix negliġenza min-naħa tiegħu, iżda saħansitra huwa xempju ta' kemm kien responsabbli fil-qadi ta' dmirijietu, għaliex kull meta qies li jkun aktar għaqli li tinbidel id-dikjarazzjoni tal-metodu, huwa għamel hekk. Jagħlaq imbagħad billi

jissottometti li huwa kien ikun qed jonqos li kieku ma għamilx dawk it-tibdiliet, u mhux bil-kontra;

22. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellant imbagħad jgħaddi biex jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill sa fejn qies li huwa naqas ukoll milli jwettaq b'mod siewi d-dmirijiet bħala STO, billi naqas milli jkun preżenti fuq il-post meta kienu qed isiru xogħlijiet ta' natura perikoluża. Filwaqt li jipprotesta għall-kumment tal-Kunsill li kienet biss b'xorti tajba li ma ġarax xi inċident waqt it-twaqqigħ tal-bini, l-appellant ifisser li l-irwol tal-STO fil-liġi huwa dak imfisser f'paragrafi (ċ) u (d) ta' regolament 2 tal-L.S. 623.06, u sewwasew li jkun responsabbli mill-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu għax-xogħlijiet, u li jkun preżenti fis-sit kull meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonjiet li jaffetwaw ir-riskju ta' ħsara lill-ġid ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet. F'dan ir-rigward, l-appellant jisħaq li huwa għamel dak kollu li titlob il-liġi b'laqgħat 'kostanti' mal-kuntrattur, kemm fuq is-sit, kif ukoll fl-uffiċċju tiegħu u dejjem ħejja pjan dwar kif għandhom jiżvolġu x-xogħlijiet bl-aktar mod sigur, u dan kemm għall-ħaddiema ta' fuq il-post kif ukoll b'ħarsien għall-ġid tal-madwar ta' terzi. Filwaqt li jirreferi għax-xhieda ta' Etienne Mallia u Cleaven Fenech, li huma d-direttur tal-kumpanija tal-kuntrattur u s-*site manager* tal-kuntrattur rispettivament, jgħid li l-kuntrattur fl-ebda ħin ma ħa xi deċiżjonijiet li setgħu kienu ta' xi perikolu, u li fuq kollox dan dejjem mexa fuq id-direzzjonijiet mogħtija minnu u fuq id-dikjarazzjoni tal-metodu għal

xogħlijiet ta' demolizzjoni. Iżid li mill-provi ħareġ ukoll ċar li l-ħaddiema ta' fuq is-sit dejjem kienu jafu eżattament x'kellhom jagħmlu, ngħataw direzzjoni tajba minnu, u kienu f'kuntatt kontinwu miegħu biex jiżgura li d-dikjarazzjonijiet tal-metodu jiġu dejjem rispettati. Filwaqt li jixli lill-Kunsill li ma żammx mal-liġi, u jgħid li ppretenda li sar leġiżlatur billi sabu ħati ta' nuqqasijiet li mhumiex misjuba fil-liġi, l-appellant ifisser li "huwa ovvju illi waqt li għaddej d-demolizzjoni" huwa u ħaddiema oħra ma setgħux ikunu ġewwa s-sit, u dan għaliex kien ikun ta' perikolu għalihom, mhux għax ix-xogħlijiet kienu ta' natura perikoluża, imma għaliex huwa ta' perikolu li wieħed jintefa' taħt ħajt li jkun qed jitwaqqa'. Jagħlaq imbagħad billi jargumenta li, fl-aħħar mill-aħħar, l-akbar prova ta' kemm idderieġa x-xogħol sewwa toħroġ mill-fatt li mhux biss ma nqala' l-ebda inċident, iżda talli lanqas ma saru xi ħsarat notevoli lill-proprjetajiet li jmissu mas-sit ta' kostruzzjoni, u dan għajr għal ftit "konsenturi kożmetiċi" li feġġew fl-appoġġ tal-post tal-kwerelanti miżżewġin Montebello li minnu kellhom jinqatgħu kważi 40 travu li kienu ngaljati ma' dak l-istess ħajt komuni;

23. Fil-fehma tal-Qorti la l-ewwel u wisq anqas it-tieni aggravju ma huma mistħoqqa;

24. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant meta jargumenta li l-Kunsill ma kellu l-ebda setgħa jew interess li jsibu ħati ta' nuqqasijiet fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tiegħu bħala perit tal-

proġett, u dan fit-tħejjija tad-dokumenti li huma meħtieġa skont ir-Regolamenti msemmija. Irrispettivament mill-fatt dwar jekk id-dikjarazzjonijiet tal-metodu kif oriġinarjament imfassla f'Settembru tas-sena 2020 ntlaqgħux mill-BCA jew le, jibqa' xorta waħda l-fatt li regolament 9 tar-Regolamenti jagħmilha ċara li "*r-responsabiltà professjonali għad-dikjarazzjoni tal-metodu tibqa' tal-perit li jħejjiha*". Għaldaqstant, ukoll li kieku huwa tassew minnu li d-dikjarazzjonijiet kif oriġinarjament sottomessi mill-Perit Psaila ġew aċċettati mill-BCA, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li dawk id-dokumenti kienu tajbin u biżżejjed għaċ-ċirkustanzi partikolari tas-sit li fih kellhom jitwettqu x-xogħlijiet. Wisq inqas ma jfisser li minn dak il-ħin 'il quddiem l-appellant Psaila ma setax aktar jinstab ħati ta' xi negliġenza professjonali sa fejn għandu x'jaqsam mat-tfassil ta' dawk id-dokumenti. M'għandux ikun hemm dubju li l-appellant fassal id-dokumenti mertu tal-ewwel aggravju fit-twettiq tal-eżerċizzju professjonali tiegħu bħala perit, u ġaladarba li regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti jagħti s-setgħa legali lill-kumitat tal-Kamra appellata li jwettaq inkjesta "*fil-prattika tal-professjoni ta' arkitetti u inġinieri ċivili*" u dan fosthom għal "*abbużi jew nuqqasijiet...fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom jew in konnessjoni ma' ħwejjeġ professjonali*", allura ma jistax jingħad li l-Kamra ma setgħetx jew ma kellhiex is-setgħa meħtieġa sabiex tistħarreġ l-imġiba professjonali tal-appellant sa fejn għandha x'taqsam il-prestazzjoni professjonali tiegħu fit-tfassil tad-dokumenti li dwaru jitkellem l-ewwel aggravju;

25. Daqstant ieħor m'għandux raġun l-appellant meta qed jisħaq li ġaladarba d-dokumentazzjoni sottomessa minnu ġiet aċċettata mill-BCA, allura din bilfors kienet konformi mal-liġi. Huwa rraġunat li, b'differenza għall-perit tal-proġett, il-BCA jew l-uffiċjali tagħha ma jkunux jafu x'hemm eżatt fis-sit li għalih jiġu mfassla d-dikjarazzjonijiet tal-metodu, u għaldaqstant dak li tista' tqis il-BCA huwa biss jekk mad-daqqa t'għajn id-dokumentazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti li hemm fl-iskedi relattivi. Il-fatt waħdieni li d-dokumentazzjoni tkun mad-daqqa t'għajn tissodisfa r-rekwiżiti li hemm fl-iskedi tar-Regolamenti tal-2019 ma jfissirx li dik id-dokumentazzjoni hija skont il-liġi, u dan għaliex dak li trid il-liġi mhuwiex li jsiru l-affarijiet biex taparsi saru, iżda li l-metodoloġiji li jitħejjew fid-dikjarazzjonijiet tal-metodu jkunu "*teknikament siguri*", u dan sa minn qabel ma jinbeda xi xogħol[16]. Għajr għall-argument li d-dokumentazzjoni oriġinarjament sottomessa minnu kienet konformi mal-liġi għaliex ġiet aċċettata mir-regolatur, l-appellant ma qed iressaq l-ebda raġuni oħra għalfejn dik id-dokumentazzjoni mfassla minnu kienet tajba u konformi mal-liġi. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-appellant ma ressaq l-ebda argument fejjiedi biex jikkonvinċi lil din il-Qorti li d-dokumentazzjoni oriġinarjament imressqa minnu kienet tajba u skont il-liġi;

[16] Ara reg. 2(1) tal-L.S. 623.06.

26. Għall-kuntrarju, l-appellant stess ammetta li fl-ewwel dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' demolizzjoni li ħejja f'Settembru tal-2020, huwa kellu żball li kien jikkonsisti fil-fatt li "*ma ġiex indikat li parti minn saqaf kienet mibnija b'mod differenti mill-bqija tas-soqfa*". Għalkemm l-appellant qiegħed jiddeskrivi dan l-iżball bħala wieħed "*żgħir*", il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel nett, mill-provi jirriżulta li dan l-'iżball' ma kienx dwar xi saqaf li kien ta' xi riskju ċkejken, iżda dwar saqaf li sewwasew imiss mal-ħajt tal-appoġġ tad-dar fejn joqogħdu l-kwerelanti Montebello u li kien mibni b'xorok li jserrħu fuq travi ngaljati ma' dak l-istess ħajt. Fil-fehma tal-Qorti, il-Perit Psaila kien mistenni kemm mil-lat professjonali kif ukoll minn dak legali, li joqgħod b'seba' għajnejn biex jara bl-eżatt x'tip ta' struttura kien hemm ma' dak l-appoġġ, u dan sewwasew biex jassigura li l-metodu mħejji minnu għat-twaqqigħ ta' dik l-istruttura, ikun wieħed li huwa l-aktar addattat u teknikament sigur għall-integrità tal-istruttura tal-ħajt komuni tal-appoġġ. Il-Qorti hija wkoll konvinta li dan l-'iżball' ma kienx il-frott ta' xi '*lapsus*' ġenwin, iżda l-konsegwenza diretta ta' traskuraġni u nuqqas ta' professjonalità kbira min-naħa tal-appellant, tant li mix-xhieda tal-Perit Psaila stess jirriżulta li l-ewwel dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' demolizzjoni tfasslet qabel ma huwa kien imqar għadu mar jara l-post minn ġewwa, liema fond kien imiss mal-appoġġ tad-dar tal-kwerelanti Montebello, u saħansitra qabel ma tela' jispezzjona l-bjut li jmissu ma' dak l-istess appoġġ[17]. Mhux inqas rilevanti huwa l-fatt li, fl-

[17] Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2021, għall-mistoqsija: "*Id-domanda tiegħi kienet, ...id-domanda tiegħi kienet għaliex ġara li ġara? Jġifieri x'kien, x'wassal biex, em, il-method statement ma*

aħħar mill-aħħar, kemm il-Perit Psaila kif ukoll ir-rappreżentant tal-kuntrattur li kien inkarigat mix-xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar ammettaw li l-ewwel dikjarazzjoni tal-metodu għax-xogħlijiet ta' demolizzjoni kienet waħda pjuttost ġenerika. Kemm hu hekk, Etienne Mallia, id-direttur tal-kuntrattur, stqarr li l-ewwel dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' twaqqigħ kien "*wieħed bażiku bħal kwalunkwe site*"[18], filwaqt li l-Perit Psaila stess qal li: "*nista' ngħid li forsi vera, kien daqxejn ġenerali*"[19];

27. B'żieda ma' dak li għadu kif qed jingħad, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li r-raġuni li wasslet lill-appellant biex ibiddel kemm-il darba d-dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' demolizzjoni, ma kinitx il-frott tad-diliġenza min-naħa tal-appellant, anzi għall-kuntrarju, kienet il-konsegwenza diretta tat-traskuraġni, u tad-deċiżjoni konxja tal-appellant li l-ewwel ifassal dikjarazzjoni tal-metodu ġenerika, imbagħad hu u għaddej bix-xogħol u jara xi jsib, jemenda dik id-dikjarazzjoni skont ma jinqala'[20]. Fil-fehma tal-Qorti, din l-attitudni ma tirriflettix l-għan tal-liġi. L-ewwel paragrafu ta' regolament 2 tar-Regolament tal-2019 jagħmilha ċara bil-bosta li l-iskop tar-'Regolamenti Dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Propjetà ta' Terzi Persuni' huwa biex "*jassikuraw li <u>qabel ma jinbeda xi</u>*

*kienx jirrifletti s-sitwazzjoni li kien hemm on site?*" il-Perit Psaila wieġeb: "*Għaliex il-garaxx, dak qatt ma stajna nidħlu fih għax kien kollu magħluq u l-bibien iġġammjati u kollox. U fuq, rari tlajt, jekk tlajt darba, niddubita, u qabżitli li kien hemm ix-xriek.*" <1:16:36>.

[18] Ara x-xhieda ta' Etienne Mallia, mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2021 <05.07>.

[19] Ara x-xhieda tal-appellant mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2021 <1:01.37>.

[20] Fix-xhieda, mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2021, l-appellant xehed li "*Meta bdejna għaddejin bix-xogħol u bdejna naraw x'qed insibu, allura bdejna nemendawh (il-method statement) mal-bżonnijiet u d-deċiżjonijiet li bdejna nieħdu as we go along*" <1:01.37>.

*<u>tip ta' xogħol ta' demolizzjoni</u>... jitħejjew metodoloġiji <u>li huma teknikament siguri</u> sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil propjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet proposti.*" Ir-rieda tal-leġiżlatur li d-dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' demolizzjoni għandha tkun mal-ewwel waħda preċiża u li tirrifletti eżatt il-kundizzjonijiet li hemm fis-sit li jkun ser jitwaqqa' tkompli mbagħad toħroġ mill-fatt li fit-tielet paragrafu ta' regolament 8 tal-istess Regolamenti, li jitkellem dwar dikjarazzjoni ta' metodu dwar twaqqigħ, il-leġiżlatur ma żiedx biċċa oħra bħalma hija misjuba fir-raba' paragrafu tal-istess regolament, li huwa dwar id-dikjarazzjoni ta' metodu ta' skavar, u li fiha jingħad li l-perit li jħejji dik id-dikjarazzjoni ta' metodu "*għandu wkoll isegwi b'mod metikoluż l-andament u l-progress tax-xogħlijiet ta' skavar u fejn meħtieġ jemenda tali dikjarazzjoni*". Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġuni wara dan hija pjuttost loġika, għaliex filwaqt li meta tkun qed titħejja d-dikjarazzjoni ta' metodu ta' skavar, il-perit ma jkunx jista' jara b'għajnejh x'hemm taħt l-art, min-naħa l-oħra, l-istrutturi li jkunu ser jitwaqqgħu u jiġu mdaħħla fid-dikjarazzjoni ta' metodu ta' demolizzjoni, huma viżibbli għall-perit u għalhekk il-perit huwa mistenni li jfassal dikjarazzjoni preċiża mal-ewwel u sewwasew wara li jagħmel spezzjoni xierqa ta' dawk l-istrutturi tal-bini li jkunu ser jitwaqqgħu;

28. Marbut sfiq ma' dak li għadu kif ingħad, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, is-sottomissjonijiet tal-appellant li d-dikjarazzjoni tal-

metodu nbidlu biex ix-xogħol jitwettaq b'mod aktar sigur għal kulħadd, ma jnaqqas xejn min-nuqqasijiet serji tal-istess perit fit-tfassil tal-ewwel u t-tieni dikjarazzjonijiet tal-metodu għal xogħlijiet ta' twaqqigħ. Il-Qorti hija aktar u aktar konvinta minn dan, wara li qabblet il-kontenut tal-aħħar dikjarazzjoni ta' metodu għal xogħlijiet ta' twaqqigħ li huwa fassal f'April 2021, flimkien mal-ewwel żewġ verżjonijiet ta' dik id-dikjarazzjoni li saru f'Settembru 2020 u fi Frar 2021 rispettivament. Kemm hu hekk, filwaqt li fl-ewwel żewġ dikjarazzjonijiet ta' metodu, kien hemm biss paragrafu b'sitt linji dwar ir-riskji li hemm involuti, l-aħħar rapport huwa ferm aktar dettaljat, u b'mod partikolari fih saret riferenza għall-ħajt tal-appoġġ li fuqu sserraħ id-dar tal-miżżewġin Montebello u fejn tfisser li: "*[i]n the areas where the site of the proposed development shares a party wall with third parties, there is a risk of unwillingly entering into these third party properties and unplanned collapse of our structure and contiguous structures or parts thereof.*" Filwaqt li, fih innifsu, dan huwa diġà nuqqas serju min-naħa tal-appellant li ma identifikax dan ir-riskju fl-ewwel żewġ dikjarazzjonijiet tal-metodu tiegħu, fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas ikompli jiggrava aktar bil-fatt li fid-dikjarazzjoni tal-metodu ta' April 2021 huwa stqarr li "*[d]emolition works for this project have commenced on the 07/11/2020*", u sewwasew fi żmien meta kien għad hemm fis-seħħ l-ewwel dikjarazzjoni tal-metodu;

29. Filwaqt li dak kollu li għadu kif qed jissemma diġà jixhed element qawwi ta’ traskuraġni u negliġenza professjonali min-naħa tal-appellant, kif ukoll ma jġibx ġieħ lill-professjoni tal-periti, fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqasijiet tal-appellant komplew isiru aktar gravi bil-fatt li, għall-mistoqsija ċara u diretta jekk fl-irwol tiegħu bħala STO kienx ikun preżenti fuq is-sit waqt li kien qed isir ix-xogħol ta’ demolizzjoni, huwa wieġeb bla tlaqiliq li ma kienx ikun preżenti[21];

30. Għalkemm li fit-tieni aggravju, l-appellant qiegħed jargumenta li l-liġi ma titlobx it-tip ta’ preżenza li ssemmiet mill-Kunsill fid-deċiżjoni appellata u qed jinsisti li anke bħala STO huwa għamel dak kollu li titlob il-liġi, din il-Qorti ma taqbilx. Kif ġie osservat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-proċeduri fl-ismijiet ta’ ***Il-Pulizija v. Roderick Camilleri u Anthony Mangion***, “*l-irwol tal-STO mhux qiegħed hemm għan-nom*”, u li “*l-mansjonijiet tal-STO indikati fl-Avviż Legali relattiv juru kemm il-presenza tiegħu fuq is-sit in kwistjoni hija essenzjali biex ikun jista’ jwettaq dak ir-rwol tiegħu b’mod sħiħ*”[22]. Fuq kollox, f’regolament 9 tal-L.S. 623.06, il-liġi tagħmilha ċara li: “*r-responsabbiltà għall-infurzar tad-dikjarazzjoni tal-metodu għandha tkun tal-uffiċjal tekniku fuq is-sit, u l-implimentazzjoni tal-miżuri tad-dikjarazzjoni tal-metodu hija tal-kuntrattur*”, filwaqt li fit-tieni paragrafu tar-regolament ta’

[21] Ara x-xhieda mogħtija mill-Perit Psaila, waqt is-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2021. <1:30:46>
[22] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet ta’ ***Il-Pulizija v. Roderick Camilleri u Anthony Mangion***, deċiża fit-**28 ta’ Lulju, 2022**.

wara mbagħad nsibu li huwa l-STO li: "*għandu jiżgura li l-kuntrattur jaderixxi mal-obbligi kollha tagħhom kif disposti f'dawn ir-regolamenti*". F'qafas bħal dan, il-Qorti ma tistax għalhekk ma tistaqsix: kif jista' STO qatt jiżgura li l-kuntrattur ikun qiegħed jimplimenta l-miżuri mniżżla fid-dikjarazzjoni tal-metodu, jekk dak l-STO ma jkunx fiżikament preżenti fuq is-sit <u>waqt</u> li jkunu qed isiru x-xogħlijiet mill-kuntrattur? Fil-fehma tal-Qorti, kemm il-loġika u aktar u aktar l-għaqal, jitolbu l-preżenza fiżika tal-STO u dan minn tal-anqas waqt it-twettiq tal-aktar xogħlijiet delikati u ta' riskju għoli;

31. Minn dan isegwi li l-appellant bħala STO kien għalhekk mistenni li għall-inqas ikun preżenti fuq is-sit fl-aktar waqtiet delikati tax-xogħlijiet li, skont ir-riskji identifikati fid-dikjarazzjonijiet tal-metodu, setgħu jwasslu għall-konsegwenzi katastrofiċi, u dan partikolarment waqt li kien qed isir ix-xogħol tat-twaqqigħ tal-istrutturi li kienu jmissu u saħansitra ngaljati ġewwa l-appoġġ li fuqu hemm mibnija d-dar fejn joqogħdu l-miżżewġin Montebello. Il-fatt li minn ammissjoni tal-appellant stess, jirriżulta li huwa ma kienx ikun preżenti waqt li kien qed isir ix-xogħol tat-twaqqigħ juri għalhekk nuqqas ieħor min-naħa tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li ma kienx hemm xi konsegwenzi serji min-nuqqas tal-preżenza tiegħu fuq is-sit waqt id-demolizzjoni ma jfissirx li huwa ma naqasx minn dmirijietu, u għalhekk, meta dan kollu jitqies fil-qafas tat-traskuraġni li l-appellant wera meta ġie biex ifassal id-dikjarazzjonijiet tal-metodu,

iwassal lill-Qorti biex ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li l-Kunsill tal-Kamra appellata sabu ħati ta' negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu;

32. L-**ewwel u t-tieni aggravji** qegħdin għalhekk jiġu **miċħuda**;

33. Jifdal issa t-**tielet aggravju** li fih l-appellant qiegħed jilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni li fiha nstab ħati ta' 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew il-prattika professjonali', u sewwasew għaliex qeda l-funzjoni ta' STO u ta' Perit fl-istess waqt, bi ksur tal-ewwel paragrafu tal-'Kodiċi ta' Kondotta Professjonali' tal-periti kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-L.S. 390.01;

34. F'dan ir-rigward, l-appellant jibda biex ifisser li din il-ħtija ma ġietx imsejsa fuq xi projbizzjoni li hija msemmija fil-liġi, iżda sempliċement fuq is-saħħa ta' direttiva li kienet preċedentement maħruġa mill-Kunsill li ġġudikah. Filwaqt li jgħid li l-'Kodiċi ta' Etika' tal-Periti kif misjub fil-L.S. 390.01 ma jgħidx li n-nuqqas ta' tħaris ta' direttiva tal-Kamra twassal għal ksur tal-etika jew tal-liġi, jisħaq li fil-L.S. 623.06, ma hemm l-ebda projbizzjoni li twaqqaf lill-perit milli jassumi fuq l-istess sit, kemm l-irwol ta' perit tal-proġett kif ukoll dak ta' STO. Fid-dawl ta' dan, jargumenta li l-Kamra tal-Periti ma tistax tiġi meqjusa bħala xi organu leġiżlattiv u jekk perit jagħżel li ma jobdix xi direttiva ta' dik il-Kamra huwa ma jistax jiġi

meqjus li kiser il-liġi. Iżid li huwa qatt ma ħeba jew ħalla mistur mill-awtoritajiet kompetenti l-fatt li kien qiegħed jadotta diversi rwoli fl-istess żvilupp, u jsostni li kienet il-BCA stess li aċċettat li jassumi rwol doppju. Skont l-appellant, il-Kunsill tal-Kamra appellata, m'għandu għalhekk l-ebda kompetenza fil-liġi sabiex jgħid li perit ma jistax jassumi l-irwol ta' perit tal-proġett u wkoll ta' STO għall-istess żvilupp, u f'dan is-sens jargumenta li l-Kunsill mar lil hinn mis-setgħat li għandu;

35. Fil-mertu, l-appellant imbagħad jinsisti li l-Kunsill ma setax isib li kellu xi konflitt ta' interess meta għażel li jaqdi l-funzjoni ta' STO u perit tal-proġett fl-istess waqt u għall-istess proġett. Ifisser li l-irwol tal-STO huwa li jiżgura li kuntrattur ikun qiegħed effettivament jobdi l-ordnijiet tal-perit tal-proġett. Jargumenta li jekk il-perit tal-proġett stess ikun qiegħed jagħmel dan l-aċċertament, mela allura ma jista' jkun hemm qatt kunflitt. F'dan ir-rigward, ikompli jfisser li l-STO għandu l-irwol ta' *'middleman'* bejn il-perit tal-proġett u l-kuntrattur, u jkompli jargumenta li, jekk xejn, meta l-perit tal-proġett jassumi wkoll l-irwol ta' STO, il-perit tal-proġett ikun qed jaġixxi b'aktar prudenza għaliex jinqata' l-*'middleman'* u minflok ikun hemm linja diretta ta' komunikazzjoni bejn il-kuntrattur u l-perit tal-proġett, u dan waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet fuq is-sit. Josserva li, kemm fid-deċiżjoni appellata kif ukoll fid-direttiva, il-Kunsill naqas milli jissostanzja r-raġunament tiegħu dwar kif l-irwol ta' perit ta' proġett u ta' STO jistgħu jkunu qatt f'kunflitt ma' xulxin u jilmenta li huwa qiegħed

jintuża bħala 'ballun politiku' mill-Kamra appellata jew inkella bħala 'ħaruf tas-sagrifiċċju';

36. Filwaqt li l-Qorti taqbel mal-appellant meta qed jgħid li r-'Regolamenti Dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Propjetà ta' Terzi Persuni' (L.S. 623.06), ma jwaqqfux lil xi perit milli jaqdi l-irwoli ta' perit tal-proġett u ta' STO fl-istess nifs dwar l-istess proġett, madankollu huwa importanti li wieħed josserva li f'regolament 11 ta' dawk l-istess Regolamenti l-liġi tgħid li: "*[d]awn ir-regolamenti ma jeżentawx lill-iżviluppatur, il-perit tal-proġett, l-uffiċjal tekniku fuq is-sit u l-kuntrattur jew is-subkuntrattur milli josservaw obbligi jew dispożizzjonijiet oħra tal-liġi li huma regolati minn liġijiet oħra".* Regolament 11 tal-L.S. 390.01 imbagħad jipprovdi li "*[k]ull min ikollu warrant biex jeżerċita bħala perit arkitett u inġinier ċivili għandu jħares il-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti*" u "*f'każ ta' nuqqas il-kunsill ikun jista' jieħdu dik l-azzjoni li l-membri tiegħu, wara li jikkunsidraw il-każ, jiddeċiedu biex jiżguraw it-tħaris sħiħ*", liema azzjoni: "*tinkludi ammonizzjoni jew sospensjoni ta' persuna tali mill-eżerċizzju tal-professjoni għal perijodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar...*". Fil-fehma tal-Qorti dan kollu juri li aġir li huwa legali, mhux bilfors li huwa etiku, u għaldaqstant, il-fatt waħdieni li r-regolatur stess ħalla lill-appellant li jassumi kemm l-irwol ta' perit tal-proġett kif ukoll ta' STO u dan għall-istess proġett, ma jista' jagħti l-ebda kenn lill-appellant fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri;

37. Marbut sfiq ma' dan, wieħed għandu wkoll josserva li, tajjeb jew ħażin, il-Kunsill tal-Kamra appellata deherlu li jekk perit jassumi l-irwoli ta' perit tal-proġett u ta' STO fl-istess waqt u għall-istess proġett, dak il-perit ikun qiegħed jikser l-ewwel regolament tal-'Kodiċi ta' Kondotta Professjonali' u għalhekk, sa hawnhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant meta qed jikkritika qatta' bla ħabel lill-Kunsill li aġixxa 'l barra mis-setgħat tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, dak li għamel il-Kunsill f'din il-parti tad-deċiżjoni appellata kien biss li applika l-liġi skont kif fehemha hu, iżda mhux li għamel xi liġi hu. Naturalment, jekk il-Kunsill applikax il-liġi b'mod tajjeb, u preċiżament jekk il-funzjonijiet doppji li wettaq l-appellant kinux tassew iwasslu għall-ksur tal-ewwel paragrafu tal-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali tal-periti, hija ħaġa oħra li għad irridu naraw;

38. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-argumenti tal-appellant li r-raġunament tal-Kunsill huwa fundamentalment żbaljat, u dan għar-raġuni li l-irwol tal-STO ma jistax jitqies li huwa f'kunflitt mal-irwol tal-perit tal-proġett, din il-Qorti jidhrilha li jkun ta' utilità li tibda billi tirreferi għall-ewwel regolament tal-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali tal-periti li jaqra hekk: "*[m]embru ma għandux jokkupa, jassumi jew xjentement jaċċetta* ***<u>kariga li fiha l-interess tiegħu</u>*** *jkun* ***<u>kontra d-dmirijet professjonali tiegħu</u>***". Fil-fehma tal-Qorti, sabiex il-Kunsill seta' jsib lill-appellant ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu, kien għalhekk meħtieġ li jirriżulta li (i) l-interessi tal-appellant fil-kariga ta' STO, kienu <u>kontra</u> d-dmirijiet professjonali tiegħu

bħala perit tal-proġett, jew inkella li (ii) l-interessi tal-appellant fil-kariga ta' perit tal-proġett, kienu kontra d-dmirijiet professjonali tiegħu bħala STO;

39. Wara li l-Qorti qieset dak li għadha kif osservat, u dan kemm fid-dawl tal-argumenti tal-appellant u kif ukoll fil-kuntest ta' dak kollu li hemm imniżżel fir-Regolamenti tal-2019 u speċjalment f'dawk ir-regolamenti kollha li jfissru x'inhuma l-interessi u d-dmirjiet professjonali tal-STO, kif ukoll tal-perit tal-proġett, hija jidhrilha li l-appellant għandu raġun meta qed jgħid li l-Kunsill żbalja meta qies li huwa kiser il-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali tal-periti u dan għaliex assuma f'daqqa kemm l-irwol ta' perit tal-proġett kif ukoll ta' STO. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, għalkemm l-STO huwa mgħobbi b'responsabiltajiet li huma differenti minn dawk tal-perit tal-proġett, madankollu, m'hemm ebda rwol li fih l-interessi tal-STO jistgħu jitqiesu li huma kontra d-dmirijiet professjonali tal-perit tal-proġett u bil-maqlub. Pereżempju, huwa kemm fl-interess tal-perit kif ukoll tal-STO li jitħejjew dikjarazzjonijiet tal-metodu li huma ta' kwalità tajba, u dan għaliex filwaqt li l-perit jibqa' professjonalment responsabbli mill-metodi mfassla minnu, fl-istess waqt l-STO għandu bżonn dikjarazzjonijiet tal-metodu tajbin biżżejjed biex ikun jista' jsegwihom faċilment u jiżgura li l-kuntrattur ikun qiegħed jimplimentahom fedelment fit-twettiq tax-xogħlijiet[23]. Hekk ukoll, huwa fl-interess tal-perit li jkun hemm infurzar tajjeb tad-dikjarazzjonijiet tal-metodu mfassla minnu u li l-kuntrattur ikun sfurzat li jimplimenta dawk il-metodi. Fil-fehma tal-Qorti, dak li jkun qed

[23] Ara regolament 9 tal-L.S. 623.06.

jagħmel perit tal-proġett hekk kif jaċċetta li joqgħod bħala STO, huwa li jitgħabba b'aktar responsabiltajiet, li fihom infushom ma jistgħux jitqiesu li jmorru "kontra d-dmirijiet professjonali" ta' perit tal-proġett, u fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma setax isib lill-appellant ħati li kiser l-ewwel regolament tal-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-L.S. 390.01;

40. F'kull każ, għandu wkoll jingħad li l-appellant qed jgħid sew meta josserva li la l-Kamra u lanqas il-Kunsill ta' dik il-Kamra ma taw xi raġunijiet siewja għalfejn l-interessi tal-appellant fil-kariga ta' STO, imorru kontra d-dmirijiet professjonali tiegħu bħala perit tal-proġett, u bil-maqlub. Fid-dawl ta' dan il-Qorti għalhekk issib il-Perit Psaila ma kellux jinstab ħati ta' 'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew il-prattika professjonali', u dan fuq is-saħħa ta' dak li hemm imniżżel fl-ewwel regolament tal-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali tal-Periti;

41. It-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ, u fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tħoss li jkun xieraq li timmodifika d-deċiżjoni tal-Kunsill bis-setgħat mogħtija lilha b'regolament 8 u paragrafu 13 tal-iSkeda tal-L.S. 390.01, u dan billi ser tkun qed tnaqqas is-sospensjoni tal-*warrant* tal-appellant b'terz;

**Deċide:**

42. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-Perit David Psaila u b'hekk qed **<u>tirriforma</u>** d-deċiżjoni appellata tas-27 ta' Settembru, 2022, billi: (i) **tħassarha** fejn sabet lill-Perit Psaila ħati ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar il-livell jew il-prattika professjonali'[24] u b'mod partikolari fejn sabet ħati li kiser l-ewwel regolament tal-Kodiċi ta' Kondotta Professjonali li hemm fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti; (ii) **tħassarha** fejn iddeċidiet li l-*warrant* tal-Perit Psaila għandu jiġi sospiż għal sitt (6) xhur, u minflok tiddeċiedi li l-*warrant* tal-Perit David Psaila għandu jiġi sospiż għall-perjodu ta' erba' (4) xhur, u dan mid-data li din is-sospensjoni tiġi mħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-liġi; u (iii) **tikkonferma** d-deċiżjoni appellata għall-bqija, sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza; u

**Tordna** li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu b'dan il-mod: tnejn minn tlieta ($^2/_3$) mill-appellant David Psaila, filwaqt li t-terz ($^1/_3$) l-ieħor għandu jitħallas mill-appellat Andrè Pizzuto *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[24] Paragrafu (ċ) tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata, intitolat bħala *"Failure to comply with regulations with respect to Professional standards or practises"*;